# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju 2017**

**Numru 11**

**Rikors numru 155/11 RM**

**Gertrude Zammit**

**v.**

**John Mark Zammit**

Preliminari

Dan hu provvediment moghti fuq rikors prezentat fid-9 ta' Frar 2017 li permezz tieghu l-attrici qeghda titlob estensjoni tal-hin tal-access ghaz-zewgt it-tfal minuri tal-partijiet. Min-naha tieghu l-konvenut, ghar-ragunijiet spjegati minnu fir-risposta tieghu prezentata fis-16 ta' Marzu 2017, qed jopponi ghat-talba u, b'rikors ulterjuri prezentat fl-istess data l-konvenut qed jitlob l-isfilz tad-dokumenti annessi mar-rikors tal-attrici.

Din il-Qorti, wara li rat l-atti relevanti ghall-meritu tar-rikorsi, inkluza s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Fl-ewwel lok u rigward it-talba tal-konvenut ghall-isfilz tad-dokumenti esebiti mar-rikors tal-attrici, il-Qorti, tilqa' t-talba limitatament fis-sens li tordna li d-dokumenti, konsistenti f'kopji ta' e-mails skambjati bejn il-ġenituri, jigu sfilzati, filwaqt li r-rapporti skolastici annessi kemm mar-rikors tal-attrici kif ukoll mar-risposta tal-konvenut jibqghu fil-process ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti, stante li dawn jirreferu wkoll ghall-perijodu ta' wara d-data tas-sentenza appellata.

Illi, ghalkemm f'digriet precedenti maghmul mill-attrici din il-Qorti kienet esprimiet il-hsieb taghha li ma jkunx fl-interess tat-tfal li taghti ezekuzzjoni provvizorja ghal dik il-parti tas-sentenza appellata li titratta l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri, stante li dik is-sentenza jew parti minnha ghad tista' tigi revokata f'din l-istanza, mill-banda l-ohra minhabba ragunijiet logistici u senjatament il-volum tal-atti processwali konsidrati wkoll fid-dawl tal-aggravji mressqa, mhux ser ikun possibbli ghal din il-Qorti li tiddeciedi dwar iz-zewg appelli prezentati mill-partijiet, fi zmien qasir. Dan jinnecessita li din il-Qorti tirregola l-modalità tal-

access tal-attrici favur uliedha fix-xhur estivi, jigifieri ghax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru tas-sena kurrenti.

Rigward l-modalità tal-access li ser jinghata lill-attrici fix-xhur fuq indikati, din il-Qorti hija gwidata mill-principju li l-interessi tal-minuri huma supremi u jipprevalu fuq dawk tal-genituri. Inoltre, tafferma li huwa fl-interess tat-tfal, anzi huwa dritt taghhom, li jkollhom relazzjoni tajba kemm jista' jkun maz-zewg genituri.

Ghaldaqstant tordna li fix-xhur fuq indikati, l-attrici jkollha access ghaz-zewg uliedha matul il-gimgha kif ser jinghad: b'bidu mid-data tal-lum, l-access matul il-gimgha jkun nhar ta' <u>Tlieta</u> u nhar ta' <u>Hamis</u> mill-10.00 am sat-8.30 pm, filwaqt li, ukoll b'bidu mid-data tal-lum, l-access fil-<u>weekends</u> ikun fuq bazi alternattiv u jibda kif ser jinghad: l-ewwel gimgha jkun nhar ta' Sibt mid-9.30 am sas-7.30 pm u nhar ta' Hadd mid-9.30 am sas-2.30 pm u fit-tieni gimgha jkun, nhar ta' Sibt mis-7.00 pm sal-Hadd sas-1.00 pm.

Illi ghall-ezekuzzjoni tal-access favur l-attrici, il-konvenut qed jigi ordnat li jiehu lit-tfal minuri fir-residenza tal-attrici li min-naha taghha ghandha tirritorna lit-tfal fir-residenza tal-konvenut – dejjem fil-granet u fil-hinijiet fuq indikati. Iz-zewg genituri huma ordnati li josservaw il-hinijiet fissati ghall-access.

Illi l-Qorti thossha fid-dmir li tenfasizza li z-zewg genituri ghandhom l-oneru li jassiguraw li l-access fuq indikat ikun esperjenza pozittiva ghat-tfal taghhom u li jservi sabiex dawn ikollhom relazzjoni kemm jista' jkun tajba maz-zewg genituri taghhom.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb/df